14 ta' Ġunju, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor Dr. T. Gouder, LL.D.

**Carlo Borg *versus* Angela Grima et.**

## Appell — Likwidazzjoni — Diviżjoni — Liċitazzjoni — Xorti jew Assenjazzjoni — Art. 547 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. [illegible] (1) u [illegible] (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

***F'kaz** ta' kawża maqtugħa b'sentenzi separati, il-liġi tippermetti l-interpożizzjoni ta' appell minn kwalunkwe waħda minn dawk is-sentenzi fiż-żmien li jmiss, li jibda jgħodd minn dak in-nhar li tingata' l-aħħar sentenza, basta li f'dan l-appell issir menzjoni espressa tas-sentenza li minnha jsir appell, jew jista' jsir appell għalih waħdu minn kull sentenza separata. Imma, jekk wieħed mill-kontendenti jappella minn sentenza u l-oħrajn jirrispondu li dik is-sentenza hija ġusta u jitolbu l-konferma tagħha, jew, jekk l-appell hekk magħmul minn dak il-kontendent kien jestendi wkoll għalihom, huma ma japprofittawx ruħhom minn dik id-dispożizzjoni tal-liġi, ma jistgħux imbagħad, meta in segwitu tingata' definitivament il-kawża, jappellaw minn dik is-sentenza wkoll. Għax bl-atteġġjament tagħhom huma kienu akkwijexxenti għal dik is-sentenza, u l-kondotta tagħhom tipprekludihom*

*u illi jagħmlu appell minn dik is-sentenza b'att posterjuri.*

*Il-liġi tistabbilixxi illi l-ishma f'każ ta' diviżjoni jiġu mtellgħin bis-sorti, u biss jekk kemm il-darba l-ishma tal-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-Qorti tiddeċidi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bis-sorti, inkella l-qsim għandux isir b'assenjazzjoni, għal kollox jew in parti. Għaldaqstant, meta l-ishma huma ndaqs, għandu jipprevali l-metodu tas-sorti; u mhux leċitu għal ebda mill-kondividenti li jiddikjaraw li jridu jibqgħu in komun bejniethom, u b'hekk, stante li l-kwoti ma jibqgħux indaqs, jitolbu li l-qasma ssir b'assenjazzjoni; għax b'hekk il-parti l-oħra tiġi pprivata mill-benefiċċju li tagħtiha l-liġi li l-qasma ssir bis-sorti.*

*Il-Qorti tista' wkoll tordna li xi wieħed mill-fondi fil-qasma jiġi liċitat, fil-każ li l-qasma tal-fondi l-oħra ssir materjalment.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili, fejn l-attur, bħala werriet universali ta' martu Rosa neé Grima, li mietet fit-18 ta' Diċembru 1948, nominat b'testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci ta' l-14 ta' April 1948 (dok. B), qal li fid-9 ta' Diċembru 1933 u fis-27 ta' April 1943, mietu rispettivament in-Nadur, Michele u Maria ġa konjuġi Grima, ġenituri tal-konvenuti u ta' l-awtriċi ta' l-attur, b'testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tas-7 ta' Diċembru 1933 (dok. C. D. E); li Francesco Saverio u s-Saċerdot Francesco Grima, żewġ ulied oħra ta' l-imsemmija Michele u Maria Grima, mietu fit-28 ta' Mejju 1938 u fit-28 ta' Jannar 1939 rispettivament, mingħajr ma jidher illi aċċettaw il-wirt ta' missierhom (dok. F. G); li l-kontendenti ma jridux iżjed jibqgħu fi stat ta' komunjoni; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi minn din il-Qorti ordnata l-likwidazzjoni u firmazzjoni tal-beni komponenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-imsemmijin Michele u Maria Grima, kif ukoll tal-beni komponenti l-assijiet tagħhom partikulari, u dawn il-beni jiġu dikjarati li jikkonsistu f'dawk indikati fil-prospett "H" u f'beni oħra li jiġu pruvati fil-kors tal-kawża; u in segwitu dawn il-beni jiġu diviżi f'sebà' parti u porzjoni-

jiet ugwali, li jiġu assenjati, bix-xorti jew altrimenti, lilhom kull wieħed lill-kontendenti, prelevati l-legati ordnati mit-testaturi konjuġi Grima; li għall-finijiet premessi jiġi nominat perit biex jipprepara l-pjan tal-qasma, nutar biex jirċievi l-att meħtieġ, u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru 1950;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tad-9 ta' Novembru 1951, li biha gew likwidati l-beni komponenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Michele u Maria ġa konjuġi Grima, kif ukoll il-beni komponenti l-assijiet tagħhom partikulari, u ddikjarathom jikkonsistu fil-beni hemmhekk indikati, u li biha giet ordnata d-diviżjoni ta' dawk il-beni kollha f'seba' parti u porzjonijiet ugwali, u li biha nnominat arkitett u inġinier ċivili sabiex jipproponi pjan tal-qasma ta' l-istess beni; l-ispejjeż riżervati;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ġunju 1952, li kkonfermat fil-kapi devoluti lilha s-sentenza appellata u ssostitwiet lill-A.I.Ċ. Silvio Mercieca għall-perit li gie nominat minn dik il-Qorti, peress li dan kien miet fil-mori tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

*Omissis;*

Rat id-digriet tas-26 ta' Ġunju 1953, li bih, billi l-pjan ta' diviżjoni propost mill-imsemmi perit ma setgħax jiġi eżegwit billi fella l-fondi kollha mhux maqsuma, ordnat lill-istess perit sabiex jirrivedi l-pjan tal-qasma minnu propost u jissegrega materjalment il-fondi li jiġu maqsuma;

Rat in-nota tal-konvenuti a fol. 125, li biha ddikjaraw illi huma bejniethom ma jridux jaqsmu, u jridu li jibqgħu komuni bejniethom;

Rat ir-rikors tal-konvenuti, li bih talbu li l-inkarika mogħti lill-perit jiġi modifikat fis-sens illi l-pjan ta' diviżjoni li għandu jipproponi għandu jkun f'żewġ porzjonijiet, waħda tal-valur ta' settimu ta' l-assi, assenjabili lill-attur, u l-oħra tal-valur ta' sitt settimi, assenjabili lilhom flimkien;

Rat ir-risposta ta' l-attur (fol. 127), li biha huwa oppona ruħu għat-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenuti, għax kieku

kemha kors dik it-talba, huwa kien jiġi indebitament preġudikat gravvantagg tal-konvenuti, billi f'dan il-każ jiġi kapriċċjożament privat mix-xorti;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-18 ta' Marzu 1954, li biha, fil-waqt li adottat il-valutazzjoni magħmula mill-imsemmi perit, salvo dak li ntqal qabel rigward il-valutazzjoni tar-raba' in lokazzjoni, ordnat l-assenjazzjoni bix-xorti, porzjon lil kull wieħed mill-kondividenti, tal-beni indikati fil-pjan tal-qasma msemmi qabel f'din l-istess sentenza, liema pjan għandu jkun dak adottat f'din l-istess sentenza, konsistenti f sebgħa porzjonijiet, u liema pjan tal-qasma għandu jiġi kunsidrat bħala formanti parti integrali tad-dispożitiv ta' din is-sentenza, u nnominat lin-Nutar Giuseppe Cauchi sabiex jirċievi l-att relativ, liema att għandu jiġi publikat............; u ordnat il-bejgħ in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, (1) tad-dar Triq it-Tiġrija nru. 54, Nadur, Għawdex, (2) tar-remissa fi Triq it-Tiġrija, nru. 53, Nadur, Għawdex, bil-ġardinetta retroposta tal-kejl..............; (3) taż-żewġ sesti indiviżi tad-dar nru. 62 Triq it-Tiġrija, Nadur, Għawdex; liema bejgħ in liċitazzjoni għandu jsir skond l-istejjem kontenuti fl-imsemmija relazzjoni...........; u ordnat li mir-rikavat ta' l-imsemmija liċitazzjonijiet għandhom jitħallsu l-passivitajiet kollha gravanti l-assi in diviżjoni, u li ġa ssemmew preċedentement fl-istess sentenza, u kwalsijasi eventwali bilanċi jiġu perċepiti waħda minn kull kondivident..............; u rriżervat li terġa ġġib il-kawża fil-lista, u li tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu meħtieġa għall-qasma tar-raba' lokatizju "ta' Bordin", jekk issir talba għal dan li-skop minn xi ħadd mill-kondividenti; u ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-kondividenti kollha skond l-interess rispettiv; wara li kkunsidrat;

Illi, dwar it-talba tal-konvenuti li d-diviżjoni ssir per assenjazzjoni, billi lill-attur tiġi assenjata porzjon korrispondenti għal minn sebgħa waħda ta' l-assi, u lill-konvenuti flimkien porzjoni korrispondenti għal sitt settimi, huwa xieraq li qabel xejn jiġu ripetuti hawnhekk ċerti regoli li ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina in re "Giuseppe Debono vs. Chevalier Antonio Cassar Torreggiani, O.B.E.

..."', fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Diċembru 1952. Dawn huma :-

(a) Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda jew domandi;

(b) Id-domanda għandha titqies in relazzjoni għall-fatti kif kienu meta ġiet proposta l-istess domanda, għalkex kien appuntu dak l-istat ta' fatt li, meta ġiet intavolata l-kawża, ħa in konsiderazzjoni, tajjeb jew ħażin, l-attur;

(c) L-eżami tal-fondatezza jew le tad-domanda "ex hinc" ma jistax jiġi magħmul jiddependi fuq kambjamenti ta' fatt sussegwenti għad-domanda; aktar u aktar jekk dawn il-kambjamenti jsiru fil-mori tal-ġudizzju mill-konvenut interessat, prinċipju inkorporat fl-aforisma "pendente lite nihil innovetur";

Issa, hu evidenti li t-talba tal-konvenuti hija ta' preġudizzju għall-attur. Infatti, jekk tiġi milqugħa t-talba tagħhom, l-attur jiġi privat mill-benefiċċju li tagħtieh il-liġi li l-qasma ssir bix-xorti. Il-Kodiċi Ċivili, fl-art. 547, jistabbilixxi li l-ishma jiġu mtellgħin bix-xorti, u biss jekk kemm il-darba l-ishma tal-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-Qorti tiddeċidi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti, inkella jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni għal kollox jew in parti. Issa, f'dan il-każ kull wieħed mill-kondividenti ma għandux mill-assi "de quo" ħlief minn sehem wieħed, u għalhekk l-ishma kollha huma ndaqs. Il-fatt li x'uħud mill-kondividenti għandhom xi krediti kontra l-assi ma jġibx b'daqshekk li l-ishma huma inugwali; dawn dejjem jibqgħu l-istess. Għalhekk il-qasma għandha ssir bix-xorti, u mhux per assenjazzjoni. Jekk imbagħad il-konvenuti jridu jibqgħu in komunjoni ħadd ma jipprojbilhom li huma jerġgħu jgħaqqdu bejniethom il-porzjonijiet li jilħom ikunu messew bix-xorti. L-attur ma għandux jiġi privat mill-benefiċċju li tagħtieh il-liġi li l-qasma ssir bix-xorti mħabba l-fatt tal-konvenuti, li l-konvenuti jridu jibqgħu in komuni bejniethom;

Dwar il-meritu, li l-assi in diviżjoni, kif ġie likwidat bl-imsemmija sentenza tad-9 ta' Novembru 1951, u kif stmat mill-imsemmi perit fir-relazzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Mejju

1953 u tad-19 ta' Jannar 1954, jikkomprendi :—

Attiv :— ... ... ... ... ... £1522. 5. 0;

Passiv :— ... ... ... ... ... £655. 18. 1;

Illi għalhekk hemm għall-qasma attiv ta' valur ta' £1522. 5. 0. u passiv ta' £655. 18. 1. Mill-beni formanti l-attiv sejrin jiġu esklużi l-fondi ndikati fil-paragrafi 3 u 7 ta' l-attiv, ċjoé id-dar nru. 63 Triq it-Tigrija, Nadur, u r-raba' "ta' Ħdejn il-Post il-Qadim", sive "tal-Magun", billi dawn kienu posseduti b'titolu ta' enfitewsi li l-lum spiċċat, u għalhekk jibqgħu posseduti indiviżament mill-kondividenti kollha sakemm il-padrun dirett jitlob ir-retroċessjoni tagħhom;

Inoltre, l-imsemmi perit, fit-tieni relazzjoni tiegħu, iddikjara indiviżibili l-fondi ndikati fin-numri 1, 2 u 5 ta' l-attiv, ċjoé d-dar nru. 53..........; għalhekk dawn it-tliet fondi għandhom jinbiegħu in liċitazzjoni. Barra minn dan, l-istess perit issuġġerixxa li r-raba' "ta wara l-lok" għandu jinbiegħ flimkien ma' l-imsemmija remissa u ġardina, billi dan ir-raba' ma għandux aċċess iehor ħlief fuq l-imsemmija fondi;

L-imsemmi perit lanqas ipproponi pjan ta' qasma tar-raba' lokatizju "tal-Bordin"; u billi, biex jiġu evitati spejjeż ulterjuri ta' perit, mhux f'loku li jerġa jiġi nominat espert biex jaqsam dan ir-raba' lokatizju, dan ir-raba' sejjer jiġi mħolli barra mill-qasma, ħalli l-kondividenti forsi jirnexxilhom jaqsmuh bonarjament: b'dan li, jekk dan ma jsirx, lil kull wieħed mill-kondividenti hija mogħtija l-fakoltà li per mezz ta' rikors jerġa jitlob ir-riappuntament tal-kawża, ħalli din il-Qorti tinnomina perit, u hekk jiġi maqsum anki dan ir-raba' lokatizju;

Fil-pjan tal-qasma li hemm fit-tieni relazzjoni ta' l-imsemmi perit, dana inkluda f'porzjon minnhom il-fond imsemmi fil-paragrafu 4 ta' l-Attiv, ċjoé iż-żewġ sesti indiviżi tad-dar nru. 62 Triq it-Tigrija, Nadur. Dan huwa fond urban, mentri l-fondi l-oħra msemmija f'dak il-pjan tal-qasma huma kollha beni rustiċi. Peress li huwa ta' natura diversa mill-beni l-oħra, jixraq li dana l-fond għandu jiġi maħruġ barra mill-imsemmi pjan ta' qasma, huwa għandu jsegwi l-istess xorti tal-fondi l-oħra urbani, u ċjoé għandu jinbiegħ in liċitaz-

zjoni; għaliex huwa evidenti li dan il-fond ma jistax jiġi ulterjorment diviż mingħajr diskapitu;

Illi għalhekk, ladarba jiġu mabruġa barra mill-pjan talqasma l-fondi indikati fil-paragrafi numru 1, 2, 3, 4, 6 u 7 talbeni immobili ta' l-att iv, għar-raġunijiet li għadna kemm semmejna, jibqa' għal qasma, bejn beni immobili, mobili, annimali u krediti, beni tal-valur ta' £472. 5. 0. U għalhekk, ladarba dawn il-beni għandhom jinqasmu f'sebgħa porzjonijiet, kull porzjoni għandha tkun tal-valur ta' £67. 9. 3. u 3/7d.;

Illi, wara matura riflessjoni, il-Qorti sejra tadotta għallqasma s-segwenti pjan tal-qasma:—

Illi, kwantu għall-passivitajiet gravanti dawn l-assijiet in diviżjoni, dawn għandhom jitħallsu mill-flus li jiġu depożitati fir-Reġistru ta' din il-Qorti mir-rikavat tal-bejgħ in liċitazzjoni tal-fondi msemmija qabel. Fil-każ li dan ir-rikavat ma jkunx sufficjenti — haġa wisq improbabili — allura dawk il-passivitajiet li ma jkunux tħallsu għandhom jiġu mħallsa mill-kondividenti kollha skond l-interess rispettiv;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li l-imsemmij u sentenzi tad-9 ta' Novembru 1951 u tat-18 ta' Marzu 1954 jiġu riformati, billi (1) jiġi ordnat li l-assijiet in kwistjoni għandhom jinqasmu f'żewġ porzjonijiet, waħda ta' settimu assenjabili lill-attur, u l-oħra ta' sitt settimi assenjabili lill-konvenuti appellanti; (2) jiġi dikjarat li l-valur effettiv tal-porzjoni assenjabili lill-attur huwa ta' £129. 18. 10 u 1/7d., u l-valur effettiv tal-porzjoni assenjabili lill-konvenuti appellanti flimkien huwa ta' £1472. 1. 1 u 6/7d.; (3) tiġi ordnata d-diviżjoni ta l-assijiet in kwistjoni fil-kwoti u valuri effettivi kif mitluba mill-appellanti fiż-żewġ riformi hekk mitluba; (4) u tiġi revokata l-liċitazzjoni ordnata tal-beni immobili u r-riżerva dwar id-dritt ta' konduzzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkonsidrat;**

Illi mis-sentenza pronunċjata mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Novembru 1951 sar appell mill-attur li talab ir-riforma tal-

likwidazzjoni ta' l-assijiet bl-istess sentenza maghmula. Kontra dak l-appell ta' l-attur il-konvenuti rrispondew (fol. 68) li l-imsemmija sentenza hija gusta u timmerita konferma. Wara s-sentenza tat-18 ta' Marzu 1954, il-konvenuti appellaw mhux biss minn din ta' l-ahhar, imma anki mill-ohra fuq imsemmija tad-9 ta' Novembru 1951, u qalu li ghamlu hekk bis-sahha tad-dispożizzjoni ta' l-art. 229 (1) tal-Kodići tal-Procedura Ċivili, li f'każ ta' kawża maqtugha b'sentenzi separati jippermetti l-interpożizzjoni ta' l-appell minn kwalunkwe wahda minn dawk is-sentenzi fiż-żmien li jmiss, li jibda jghodd minn dak inhar li tinqata' l-ahhar sentenza; basta li f'dan l-appell issir menzjoni espressa tas-sentenza li minnha jsir appell; jew jista' jsir appell ghalih wahdu minn kull sentenza separata. L-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, invokata mill-appellanti biex isostnu l-appell taghhom kontra l-imsemmija sentenza tad-9 ta' Novembru 1951, ma tistax tirćievi l-applikazzjoni taghha fil-każ in eżami; ghar-raġunijiet hawn taht miġjuba:— (a) Ghaliex l-appellanti kienu akkwijexxenti ghaliha, billi ddikjaraw li kienet gusta, u talbu l-konferma taghha, meta kontra taghha ġie mressaq appell da parti ta' l-attur; din il-kondotta taghhom tipprekludihom milli b'att posterjuri jimpunjaw dik is-sentenza, billi "electa una via non possunt ad aliam transire"; u (b) ghaliex l-appell miġjub 'il quddiem mill-attur kontra l-imsemmija sentenza tad-9 ta' Novembru 1951 kien jestendi wkoll ghall-konvenuti (art. 238 (1) tal-Kodići ċitat), li messhom approfittaw ruhhom minn dik id-dispożizzjoni tal-liġi, jekk anki huma riedu jimpunjaw dik is-sentenza. Diversament jista' jinghata l-każ li fuq l-istess sentenza jkun hemm żewġ appelli fi żmien differenti u żewġ deċiżjonijiet li wahda ma tkunx taqbel ma' l-ohra — haġa li twassal ghall-assurd ġuridiku, li ebda liġi ma tista' tippermetti;

Ikkunsidrat, fuq l-appell miġjub 'il quddiem mill-konvenuti kontra s-sentenza tat-18 ta' Marzu 1954;

Illi l-ewwel aggravju miġjub 'l quddiem mill-appellanti fil-petizzjoni taghhom hu wa dak li l-Ewwel Qorti ordnat id-diviżjoni tal-beni kollha komponenti l-assijiet imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni f'seba' parti u porzjonijiet ugwali, mentri

huma jippretendu li dik id-diviżjoni għandha ssir mod ieħor, jiġifieri f żewġ porzjonijiet, waħda ta' settimu (1/7), li għandha tiġi assenjata lill-attur, u l-oħra ta' sitt settimi (6/7), li għandha tiġi assenjata lill-konvenuti flimkien. Iżda, billi l-imsemmija diviżjoni f seba' porzjonijiet indaqs bejn il-kontendenti ġiet ordnata bis-sentenza tad-9 ta' Novembru 1951, konfermata minn din il-Qorti fil-kapi lilha devoluti bis-sentenza tas-16 ta' Ġunju 1952, li għaddiet "in giudicato", u billi, kif jingħad fuq, l-appell tal-konvenut kontra dik is-sentenza mhux ammissibili, l-imsemmi l-ewwel aggravju ma jistax jiġi meħud in konsiderazzjoni, u għandu jiġi mqiegħed fil-ġenb;

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravji l-oħra mressqin mill-appellanti kontra s-sentenza tat-18 ta' Marzu 1954, huma dawn li ġejjin :— (a) Li fil-formazzjoni tal-kwoti ħadet bħala bażi biss il-valur "ideali" tad-diversi kwoti, u mhux ukoll tal-valur "effettiv" tagħhom; (b) li ġiet ordnata d-diviżjoni ta' parti mill-assi bix-xorti, u ma adottatx is-sistema ta' l-assenjazzjoni għall-assi kollu; u (c) li ġiet ordnata l-liċitazzjoni ta' parti mill-immobili, ħalliet pendenti l-kwistjoni tar-raba' in konduzzjoni, u ma eliminatx effettivament il-prelevamenti tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Illi fil-formazzjoni tal-kwoti, kuntrarjament għal dak li qegħdin isostnu l-appellanti, kollox sar skond il-liġi, u ma kien hemm ebda inosservanza tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 977 (1) u 978, kif allegat mill-istess appellanti, safejn dawk id-dispożizzjonijiet kienu jew setgħu kienu applikabili għall-każ. Kwantu għall-mod tal-qasma kif ordnat bis-sentenza appellata, il-pretensjoni ta' l-appellanti li għandha ssir b'assenjazzjoni rigward l-assi kollu mhix aċċettabili, tant għaliex meta l-porzjonijiet ikunu ndaqs ir-regola hija li l-qasma ssir bix-xorti (art. 547 (1) tal-Kodiċi Ċivili), kemm għaliex fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' parti mill-assi, billi jikkonkorru r-raġunijiet imsemmijin fl-art. 552 (1) ta' l-imsemmi Kodiċi Ċivili. Kwantu għar-raba' lokatizju "Ta' Bordin", il-prov-

vediment ta' l-Ewwel Qorti gie maghmul fl-interess tal-kondividenti kollha, biex jigu lilhom evitati spejjeż ulterjuri, u gie riżervat mill-istess Qorti li tghaddi ghad-diviżjoni ta' dak ir-raba' fuq talba ta' kull wiehed minnhom, fil-każ li ma jirnexxilhomx jaghmluha bonarjament bejniethom. Minn dan il-provvediment ta' l-Ewwel Qorti l-appellanti ma ghandhom ebda raguni jilmentaw, billi minnu jista' jkollhom biss beneficcju, u qatt ħsara;

**Ikkunsidrat;**

Illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, u ghal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell tal-konvenuti ma jisthoqqlux jigi milqugh, u ghandu jigi respint;

**Ghaldaqshekk;**

Wara li tiddikjara inattendibili, u ghalhekk null, l-appell migjub "il quddiem mill-konvenuti kontra s-sentenza tad-9 ta' Novembru 1951, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti appellanti;

Tirrespingi l-appell migjub kontra s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Marzu 1954, billi tikkonferma din is-sentenza; u tordna li l-att biha ordnat isir, b'ministeru tan-nutar hemm nominat, u bl-intervent tal-kuratur hemm anki nominat, fil-post hemm imsemmi, nhar it-Tnejn, 5 ta' Lulju 1954, fid-9.30 a.m.;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jithallsu mill-konvenuti appellanti.